MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2014

Numru. 634/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**JOSEPH ZAHRA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Zahra, bin il-mejtin Joseph u Anna nee' Cutajar, imwieled Birzebbuga fis-06/04/1953, li joqghod House 2 Block 5, Officer's Mess, Hal Far u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 293553M,** gie akkuzat talli:

Fid-19 ta' Lulju 2008 ghall-habta tal-11:30am gewwa l-ghassa ta' Birzebbuga u fl-inhawi vicin :

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS645 Gerald Attard, PC591 Jeandre' Grixti, PC22 Stephen Micallef u PC1241 Christopher Farrugia, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. Talli fl-istess data, lok u hin ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq l-Ispettur Priscilla Caruana, PS645 G. Attard, PS633 Frankie Sammut, PC1241 C. Farrugia, WPC219 Erika Abela, PC22 S. Micallef, PC389 Saviour Bonnici, PC591 J. Grixti, PC829 Alan Dougall, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna griehi ta' natura hafif fuq PC1241 Christopher Farrugia, u dan skond kif iccertifikatu Dr. Alexandra Harney Md numru ta' registrazzjoni 3041, mill-klinika ta' Rahal Gdid;

4. Talli fl-istess data, lok u hin tal-attakk jew tar-rezistenza, uza arma regulari jew ikun ha fuqu minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew rezistenza u jinqabad b'dik l-arma fuqu;

5. Talli fl-istess data, lok u hin zamm fuqu arma bil-ponta u li taqta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe nuccali tal-vista u qmis ta' l-uniformi, liema ammont ta' hsara ma jkunx jiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-detriment ta' PC1241 Christopher Farrugia u ghad dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku bi ksur ta' l-art. 338 (dd) u 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u

9. u aktar talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCH445 ta' l-ghamla Nissan Micra ta' kulur abjad minghajr licenzja tas-sewqan, kif ukoll il-vettura ma' kinitx licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq u mhux inxurjata ghal terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma' l-imputat li huwa ricediv u dan wara li instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-Ispettur Priscilla Caruana, PS645 Gerald Attard u PC1241 Christopher Farrugia.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja (li jinsab *a folio* 49);

Qieset id-depozizzjonijiet kollha moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur, ta` l-avukat difensur, kif wkoll ta` l-imputat innifsu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar id-19 ta` Lulju 2008 ghall-habta ta` xi l-11.00am, l-imputat Joseph Zahra dahal gewwa l-ghassa tal-pulizija ta` Birzebbugia u sab lil WPC219 Erica Abela u lil PS633 Frankie Sammut. L-imputat dahal b'hafna rabja, jidghi, jhedded u jingurja u kellu tyre ta` karozza f'idejh. Staqsa ghall-Ispettur Priscilla Caruana u lissen il-kliem "dan inwaddabulha ghal wiccha … talli xebhet titnejjek bija". WPC219 hassitha mbezza. Fil-pront waslu l-Ispettur Priscilla Caruana flimkien ma PS645 Jerry Attard li lehqu raw xi membri ta` l-iskwadra tal-mobile jigru lejn l-ghassa. L-imputat kien qed jghajjat, b'atteggjament arroganti, u gie mitlub jikkalma. Lil PS645 Jerry Attard qallu "lilek inpattijielek…". Beda jindirizza lill-ispettur Johann Fenech, li ma kienx prezenti dak il-hin, bil-kelma 'pufta'.

Mbaghad l-imputat hareg barra l-ghassa u bdiet tkellmu l-ispettur Priscilla Caruana. Gie nnotat li l-vettura li kien qed jaghmel uzu minnha l-imputat kellha l-licenzja tat-triq mhux aggornata. Meta hekk mitlub, l-imputat irrifjuta li jaghti d-dokumenti tal-assigurazzjoni lil PS645, izda dawn tahom lill-ispettur Priscilla Caruana. Meta PS645 ordna li jinhareg ticket peress illi l-licenzja ta` mal-windscreen ma kienetx imgedda, l-imputat fetah il-bieba u waqt li kien diehel fil-karozza qal "Foxx kemm ghandek" lil PS645. Minn bejn is-seats gie nnotat li qabad sikkina u meta ntalab johrog mill-vettura irrifjuta. Sussegwentement inhareg u intalab icedi s-sikkina, jikkalma u jieqaf minn dak l-atteggjament. Peress illi l-imputat ma kienx koperattiv, il-pulizija uzat il-pepper spray fuqu. Ittihditlu s-sikkina izda rrifjuta li jigi immanettjat u kien hawn li xejjer daqqa ta` ponn lil PC1241Christopher Farrugia, fejn ikkagunalu ferita

hafifa u qattalu l-qmis. Kissirlu wkoll in-nuccali. Wara li rnexxielhom jimmantettjawh poggewh fic-cella u waqt dan kollu rega ndirizza lil PS645 bil-kliem “Liba. Insibek il-Marsa. Naf fejn toqghod. Nigi ghalik bil-lejl.” Wara li ghadda l-hin l-imputat tressaq il-Qorti.

Din hi principalment il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, rizultanti mix-xhieda principali, l-ispettur Priscilla Caruana, WPC219, PS645, PS633, PC1241 u PC829.

Minn naha tieghu l-imputat cahad il-verzjoni li taw il-pulizija u ried jaghti x’jifhem (ara depozizzjoni ta` l-imputat a folio 158 et seq) illi huwa kien pjuttost il-vittma u li l-pulizija aggredewh ghal xejn b’xejn. Huwa attribwixxa l-atteggjament tieghu ghall-frustrazzjoni li kienet qed tqabbdu l-imgieba ta` ibnu u ghall-fatt li skond hu ma tantx kien qed jara ghajnuna mill-pulizija. Il-Qorti nnotat li waqt is-sottomissjonijiet li l-imputat inghata permess jaghmel fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2014, huwa accetta li kien dejjem bl-inkwiet mal-pulizija, li ghandu tort u talab lill-Qorti sabiex tkun klementi mieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset sew ir-rizultanzi processwali, partikolarment id-depozizzjonijiet tal-protagonisti u ma jidhriliex li ghandha tiehu wisq fit-tul. Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tal-membri tal-korp tal-pulizija. Kienu qed jaghmlu xogholhom u spiccaw il-mira ta` abbuz verbali; l-imputat ma ghamilx sew li pprova jbezzaghhom bil-mod kif agixxa gewwa l-ghassa u meta kompla ghaxxaqha bil-kliem ta` theddid u bis-sikkina f’idejh. Kif jirrizulta ben tajjeb mill-atti, dan l-incident seta facilment jigi evitat kieku l-imputat dahal l-ghassa u gab ruhu sew. Sfortunatament huwa ghogbu li jeskala dan l-incident f’wiehed li allura gabu passabbli ghall-imputazzjonijiet dedotti.

Din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha quddiem dawn il-provi skjaccanti. Ghamel hsara li teccedi l-€117 (ara fost ohrajn folio 52); il-licenzja tal-vettura ma kienetx imgedda izda kien hemm vigenti polza ta` assikurazzjoni (ara folio 172). Minn naha l-ohra jinghad bir-rispett illi mhux sufficjenti (ara xhieda ta` Brian Farrugia a folio 98) l-prova dwar jekk l-imputat kellux jew le licenzja tas-sewqan vigenti.

Jibqa l-fatt pero` li fuq kollox l-imputat qabad sikkina waqt li kien qed jirrezisti l-arrest, hedded lill-pulizija u aggredixxa lil wiehed minnhom fizikament u kkagunalu feriti hfief (ara folio 149). Meta dawn kienu qed jaghmlu xogholhom. Dan l-atteggjament ma hux tollerabbli f'socjeta` civili.

Skond it-tabib Mario Scerri, nominat mill-Qorti biex jezamina lill-imputat meta huwa allega li gie aggredit mill-pulizija, jirrizultaw feriti kompatibbli ma uzu ta` pepper spray, girfa u tbengil bl-uzu tal-manetti (ara folio 77 et seq). Il-Qorti rat ukoll ic-certifikat mediku a folio 40. Dawn ir-rizultanzi kollha jikkonfortaw il-verzjoni tal-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti qieset il-fedina penali refrattarja u voluminuza ta` l-imputat – fedina penali li turi li l-imputat ilu zmien twil jahbat mal-gustizzja u ghandu xejn anqas minn 120 kundanna bejn l-1963 u l-2008 (pieni minn ammendi sa prigunerija). L-imputat irid jifhem li l-ghawg li hakmu hu kollu kemm hu tort tieghu; ma jistghax joqghod iwahhal fil-pulizija, jew fil-qrati. Hija il-ligi li tati r-risposta lill-imputat meta dan ikollu jiffaccja l-konsegwenzi ta` ghemilu. L-imputat irid jifhem, illum li ghandu 'l fuq minn wiehed u sittin sena, li l-hajja hija qasira u ma jistax jibqa jgib ruhu b'dan il-mod; u jrid jifhem ukoll li l-awtoritajiet qeghdin hemm biex jaghmlu xogholhom. Irid jifhem li hu jehtieg igib ruhu sew altrimenti jkollu jiffaccja l-konsegwenzi kif ser jiffaccja b'din is-sentenza, anki jekk il-Qorti ser tuza element ta` hniena mieghu billi tikkoncedi li tinfliggi piena aktar qrib il-minimu milli lejn il-massimu li jista jlehhaq sahansitra sa aktar minn hames snin prigunerija.

Il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv fit-termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta (ara s-sentenzi a folio 103 et seq).

**Bil-piena li ser taghti din il-Qorti, irid jintbaghat messagg illi min ikun zbalja kif zbalja l-imputat jehtieg li jifhem li ghamel hazin u jrid jinghata piena xierqa bhala deterrent; izda l-istess piena trid isservi wkoll sabiex l-imputat, kemm jista jkun malajr, jinghata**

**l-opportunita` li jirriaddestra ruhu lura fis-socjeta` bit-tama li jimbarka fit-triq it-tajba**. Il-Qorti tittama li l-imputat ma jitlifx din l-opportunita` u tawguralu li jirrinintegra ruhu sew fis-socjeta` wara li jiskonta t-terminu ta` prigunerija.

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 96(a), 95, 221, 97, 338(bb)(dd)(ee), 325(1)(b), u 64 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 2, 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 2, 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lill-imputat Joseph Zahra hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu hlief ghall-imputazzjoni (9) fejn il-htija hija limitata biss ghan-nuqqas ta` tigdid tal-licenzja tal-vettura – filwaqt li tilliberah ghal dak li jirrigwarda s-sewqan minghajr licenzja tas-sewqan u li ma kienx hemm polza ta` assikurazzjoni - u tikkundannah komplessivament ghal tnax-il (12) xahar prigunerija u multa ta` mitejn euro (€200). Tordna wkoll il-konfiska tas-sikkina skond il-ligi.**

In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` l-Ispettur Priscilla Caruana, PS645 Gerald Attard, PC1241 Christopher Farrugia u WPC219 Erica Abela, l-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------